

*Il-Knisja tar-Redentur u dehra fuq il-Muristan*

# PATRAS U THIVA

**Noel Muscat ofm**

## *Sant'Andrija u San Luqa fil-Greċja*

Wara li rajna l-bliet li fihom evanġelizza l-Appostlu Pawlu meta mar fil-Maċedonja u l-Akaja (il-Greċja tal-lum) waqt it-tieni u t-tielet vjaġġi missjunarji tiegħu, issa nagħtu ħarsa ħafifa lejn belt oħra li hi marbuta mal-preżenza ta' appostlu u ta' evanġelista magħrufin. Din hi l-belt ta' Patras, li tħaddan fiha r-relikwi tal-appostlu Sant'Andrija, li ġie martirizzat hemmhekk, kif ukoll li tfakkar lill-evanġelista San Luqa, li wkoll sofra l-martirju fl-istess belt.

## Il-belt ta' Patras

Patras hi t-tielet l-akbar belt fil-Greċja, wara Ateni u Tessaloniki. Tinsab fuq ix-xatt tal-Golf ta' Patras fil-kosta tat-tramuntana tal-penisola tal-Peloponnesos, f'riġlejn il-muntanja Panachaikon. Patras għandha storja ta' madwar erbat elef sena u kienet abitata sa minn żminijiet Preistoriċi. Fl-era ta' Mycene (1580-1100 q.K.) kienet saret ċentru importanti u saret parti mil-Lega ta' Achaea. Fi żmien ir-Rumani saret kolonja imperjali, fuq kmand tal-imperatur Augustus, bl-isem ta' *Colonia Augusta Achaica Patrensis*. Baqgħet belt importanti sas-sena 300 w.K., meta ġiet meqruda minn terremot qawwi li ħakem il-Peloponnesos.

Tradizzjoni Kristjana tgħid li l-appostlu Sant'Andrija, ħu San Pietru, kien ippriedka l-Evanġelju f'Patras u hawnhekk sofra l-martirju fi żmien l-Imperatur Neruni, billi ġie msallab. Minn dak iż-żmien Sant'Andrija sar il-patrun ta' Patras. L-isqof ta' Patras jissemma fil-lista ta' isqfijiet tal-Konċilju ta' Sardica fis-sena 347.

Fl-era Biżantina Patras kompliet bħala belt importanti. Imma fis-sena 551 mill-ġdid sfat meqruda minn terremot. Fis-sena 1205 il-Franki, Guglieme de Champlitte u Geoffrey I de Villahardoiun, okkupaw Patras li saret parti mill-Prinċipalità ta' Achaea. Kien f'din l-era li l-belt saret Latina b'arċisqof tar-rit Latin. Fl-1408 Patras intrebħet mill-Venezjani. Sadanittant il-Biżantini, immexxija mill-Imperatur Manuel II Palaiologos, ippruvaw jaħkmuha lura. Imma fl-1458 il-belt inħakmet mit-Torok Ottomani tas-Sultan Mehmet II. Għaddiet minn żmien ta' taqlib, li fih il-Venezjani u l-Ġenoviżi reġgħu ppruvaw jirbħuha mit-Torok, imma kien kollu ta' xejn.

Kien fis-7 ta' Ottubru 1571 li saret il-famuża battalja ta' Lepanto (Nafpaktos) fil-Golf ta' Patras bejn il-Lega Kristjana u t-Torok Ottomani. Ir-rebħa Kristjana kienet l-okkażjoni biex il-Papa Dumnikan San Piju V istitwixxa l-festa tal-Verġni Marija tal-Vittorji, li saret imbagħad il-festa tal-Verġni Marija tar-Rużarju. Patras, iżda, baqgħet taħt dominazzjoni Ottomana, ħlief għal perjodu qasir bejn l-1687 u l-1715 meta l-Venezjani rebħuha u għaqqduha mar-Renju tal-Morea.

Patras kellha parti mportanti fil-Gwerra tal-Independenza Griega kontra l-Ottomani (1821-1829). Patras ħelset mill-ħakma Ottomana fis-7 ta' Ottubru 1828 u mis-sena ta' wara saret l-aktar belt importanti tal-Peloponnesos.

## Il-Kattidral ta' Sant'Andrija f'Patras

Kif għidna, l-belt ta' Patras hi marbuta ħaġa waħda mal-Appostlu Sant'Andrija. Il-kattidral ta' *Hagios Andreas* hu l-akbar knisja Ortodossa fil-Greċja u hu ċentru ta' pellegrinaġġi flimkien mal-Bażilika l-antika ta' Sant'Andrija.

Il-kattidral li naraw illum hu tassew imponenti, b'ħafna koppli madwar il-koppla kbira ċentrali. Il-bini tiegħu nbeda fl-1908 taħt l-arkitett Anastasios Metaxas u mbagħad taħt Georgios Nomikos. Ġie inawgurat fl-1974 u għalhekk ħa 66 sena biex inbena. Jingħad li dan il-kattidral għandu kapaċità li jesa fih sebat elef persuna. Hu meqjus bħala l-akbar knisja fil-Greċja, u hu t-tielet l-akbar knisja Biżantina



*Intern Knisja S. Andrija f'Patras*

fil-Balkani, wara l-kattidral ta' San Sava f'Belgrade u l-kattidral Alexander Nevsky ta' Sofia, fil-Bulgarija. Fuq il-koppla ċentrali hemm salib tad-deheb ta' 5 metri, u madwarha hemm 12-il koppla oħrajn bis-slaleb fuqhom, simboli tat-12 Appostli madwar Kristu. Minn ġewwa l-kattidral hu mżejjen b'mużajċi u ikoni tassew sbieħ, fosthom il-figura ta' Kristu *Pantokrator* fil-koppla ċentrali.

L-akbar teżor meqjum fil-kattidral ta' Patras huma r-relikwi tal-Appostlu Sant'Andrija. Dawn ir-relikwi jinkludu wieħed mis-swaba tal-Appostlu kif ukoll partijiet mis-salib li fuqu ġie msallab, is-salib magħrufa bħala *crux decussata*, jiġifieri salib forma ta' X, li fuqu t-tradizzjoni Kristjana tgħid li l-Appostlu Sant'Andrija sofra l-martirju.

F'kappella fil-ġenb hemm meqjuma r-relikwa tal-kranju ta' Sant'Andrija. Din kienet tinsab għal bosta sekli fil-Bażilika ta' San Pietru f'Ruma. Fl-1964, b'ġest ta' ekumeniżmu, l-Papa San Pawlu VI ried li r-relikwa terġa' tingħata lura lill-Knisja Griega Ortodossa u titqiegħed fil-katirdal ta' Patras. It-trasferiment sar fl-24 ta' Settembru 1964 meta l-Kardinal Bea, flimkien ma' 15 il-kardinal ieħor, ippreżentaw ir-relikwi lill-Arċisqof Konstantinos ta' Patras. Għaċ-ċerimonja attendew eluf ta' Ortodossi, fosthom il-Prim Ministru tal-Greċja Georgios Papandreou. Ir-relikwa tal-kranju ta' Sant'Andrija tqiegħdet f'urna kbira tal-fidda. Anke r-relikwa tas-salib ta' Sant'Andrija, li kienet ittieħet mill-Kruċjati tad-Duka ta' Burgundy, reġgħet inġiebet lura fil-kattidral ta' Patras fid-19 ta' Jannar 1980 minn delegazzjoni mmexxija mill-Kardinal Roger Etchegaray, li ppreżenta r-relikwi

lill-Arċisqof ta' Patras Nicodemos.

L-istorja tar-relikwi ta' Sant'Andrija hi tipika fost tant relikwi oħrajn li l-Kruċjati kienu ġabu fil-punent. Fil-fatt, fis-sena 357, l-Imperatur Konstantios kien ġarr ir-relikwi ta' Sant'Andrija minn Patras lejn Kostantinopli, ħlief il-kranju ta' Sant'Andrija, li baqa' Patras. Meta l-Kruċjati kienu attakkaw Kostantinopli fir-raba' Kruċjata (1204), huma ġarrew ir-relikwi ta' Sant'Andrija lejn Amalfi. Meta Kostantinopli waqgħet f'idejn Ottomani fl-1453, il-mexxej Tumas Palaiologos tar-Renju tal-Morea, li kien ħu l-Imperatur Konstantinos XI, iddeċida li joffri r-relikwa tal-kranju ta' Sant'Andrija lill-Papa Piju II. Ir-relikwi nġabu l-ewwel Ancona, imbagħad Narni, u fl-aħħar spiċċaw f'San Pietru fil-Vatikan. Il-Bażilika ta' San Pietru għandha erba' qaddisin fin-niċeċ tal-erba' pilastri maġġuri taħt il-koppla ta' Michelangelo, li jfakkru r-relikwi tal-erba' qaddisin li kienu venerati madwar San Pietru, jiġifieri, Sant'Andrija, San Lonġinu, Sant'Elena u Santa Veronika.

Barra mir-relikwi ta' Sant'Andrija li jinsabu Patras, hemm ukoll xi frammenti ta' relikwi tal-qaddis li huma venerati fil-katidral ta' Amalfi u f'Edinburgh fl-Iskozja, li għandha bħala patrun tagħha lil Sant'Andrija. Hawnhekk ma aħniex se niddeskrivu dawn ir-relikwi u nidħlu fil-mertu tal-awtentiċità tagħhom, imma nibqgħu fuq ir-relikwi ta' Patras u fuq il-figura importanti tal-Appostlu Sant'Andrija, li hu meqjum b'mod mill-aktar solenni fil-Knisja Griega Orotodossa, li ssejjaħlu *Protoklétos*, jiġifieri, l-Imsejjaħ l-ewwel wieħed, qabel l-Appostli l-oħrajn. Inħarsu ftit lejn il-figura ta' Sant'Andrija fl-Evanġelji u fit-Tradizzjoni Kristjana.

## L-Appostlu Sant'Andrija u r-rabta tiegħu mal-Knisja Griega Ortodossa

L-isem *Andreas*, jew Andrija, hu isem Grieg li bih l-Evanġelisti jsemmu lil dan l-appostlu. Hu isem li jfisser "raġel ħili", u jidher li kien komuni anke fost il-Lhud tal-ewwel seklu, li kienu ġew influwenzati mill-Elleniżmu. L-Evanġelji ma jagħtuniex l-ekwivalenti tal-isem tiegħu bil-Lhudi.

Andrija kien minn Betsajda, belt fuq ix-xatt tal-grigal tal-Għadira tal-Galilija. Kien ħu Xmun Pietru. Jidher li l-Galilija kellha diversi kuntatti mad-dinja Griega, hekk li nafu li appostlu ieħor, Filippu, li wkoll kien minn Betsajda, kellu ismu Grieg.

L-Evanġelji jgħidulna li Xmun u Andrija kienu sajjieda, u San Mark 1,29 jgħidilna li kienu jgħixu fl-istess dar f'Kafarnahum, belt oħra fuq ix-xatt tat-tramuntana tal-Għadira, ftit kilometri bogħod minn Betsajda. Fir-rakkonti tas-sejħa tal-ewwel appostli f'San Mattew u San Mark, insibu li Xmun u Andrija (Indrì), u Ġakbu u Ġwanni, ulied Żebedew, ġew imsejħin minn Ġesù fuq ix-xatt tal-Għadira, fl-istess waqt. San Luqa jirrakkonta b'ċertu dettall is-sejħa ta' Xmun Pietru, imma ma jsemmi xejn dwar is-sejħa ta' Andrija.

Hu l-Evanġelista San Ġwann li jagħtina deskrizzjoni aktar dettaljata dwar is-sejħa ta' Andrija: "L-għada Ġwanni (l-Battista) kien hemm ma' tnejn mid-dixxipli tiegħu. Ħares lejn Ġesù li kien għaddej minn hemm, u qal: 'Araw il-Ħaruf ta' Alla.' Iż-żewġ dixxipli semgħuh jgħid dan, u marru wara Ġesù. Ġesù dar u rahom mexjin warajh, u qalilhom: 'Xi tridu?' Iżda huma staqsewh: 'Fejn toqgħod, Rabbi?' - li tfisser Mgħallem. Hu weġibhom: 'Ejjew u taraw.' U marru miegħu u raw fejn kien joqgħod, u dakinhar baqgħu miegħu. Kien ħabta tal-għaxar siegħa. Wieħed mit-tnejn li semgħu x'kien qal Ġwanni u marru wara Ġesù kien Indrì, ħu Xmun Pietru. L-ewwel ma għamel mar isib lil ħuh Xmun, u qallu: 'Sibna l-Messija' – li tfisser Kristu. U ħadu għand Ġesù. Ġesù ħares lejh u qallu: 'Inti Xmun, bin

Ġwanni. Int tissejjaħ Kefa' – jew Pietru" (Ġw 1,35-42).

Din is-silta turina li Ġesù sejjaħ lil Andrija, li kien dixxiplu ta' Ġwanni l-Battista. U kien Andrija li mbagħad ħa lil ħuh Xmun għand Ġesù. Għal din ir-raġuni, filwaqt li Xmun Pietru hu meqjus bħala l-prinċep tal-Appostli li miet Ruma, li għalhekk saret is-sede primazjali, l-appostlu Andrija hu meqjum mill-Griegi Ortodossi bħala l-*Protoklétos*, jiġifieri l-Appostlu li Ġesù sejjaħlu għal warajh l-ewwel wieħed, qabel l-oħrajn, u jqimu l-Knisja Patrijarkali ta' Kostantinopli bħala l-Knisja ta' Sant'Andrija.

Fl-istess Evanġelju ta' San Ġwann nerġgħu niltaqgħu mal-Appostlu Andrija darbtejn oħra. Fir-rakkont tal-miraklu tat-tkattir tal-ħobż kien Andrija li wera lil Ġesù t-tfajjel li kellu l-ħames ħobżiet tax-xgħir: "Wieħed mid-dixxipli tiegħu, Indrì, ħu Xmun Pietru, qallu: 'Hawn tfajjel li għandu ħames ħobżiet tax-xgħir u żewġ ħutiet żgħar; imma dawn x'inhuma għal daqshekk nies?'" (Ġw 6,8).

Fil-kapitlu 12 insibu rakkont interessanti li fih xi Griegi riedu jaraw lil Ġesù, u javviċinaw proprju lil żewġ appostli li kellhom isimhom Grieg u li x'aktarx kienu jitkellmu l-Grieg barra l-Aramajk. Dawn kienu Filippu u Andrija, li t-tnejn kienu minn Betsajda tal-Galilija: "Fost dawk li telgħu biex iqimu lil Alla fil-festa kien hemm xi Griegi. Dawn marru għand Filippu li kien minn Betsajda tal-Galilija, u talbuh: 'Sinjur, nixtiequ naraw lil Ġesù.' Filippu mar jgħid lil Indrì, u mbagħad Indrì u Filippu marru jgħidu lil Ġesù. U Ġesù weġibhom: 'Waslet is-siegħa li fiha Bin il-bniedem ikun igglorifikat'" (Ġw 12,20-24).

Dawn is-siliet mill-Evanġelju ta' San Ġwann juruna r-rwol importanti li kellu Andrija fil-kulleġġ tal-Appostli. Interessanti li, għalkemm il-primat tal-imħabba jibqa' dejjem mogħti lil Xmun Pietru, jidher ċar li l-ewwel dixxiplu li Ġesù sejjaħ għal warajh kien proprju Andrija, u li hu kellu jkun dak li jidher bħala komplementarju ma' ħuh Pietru fit-Tradizzjoni Kristjana Latina (Kattolika) u Griega (Ortodossa). tgħid

It-Tradizzjoni Kristjana dwar Andrija hi rikka. L-istoriku Ewsebju ta' Ċesarija, fl-*Historia Ecclesiastica* (seklu 4) jikkwota lil Oriġene (c.185 – c.253) li jgħid li Andrija mar jippriedka l-ewwel fis-Scythia ta' Pontu, fuq il-kosta tat-tramuntana tat-Turkija fix-xatt tal-Baħar l-Iswed. Jingħad ukoll fil-*Kronaka ta' Nestor* (1113) li kompla tiela' tul ix-xmara Dnieper u wasal sa Kiev fl-Ukrajna, u wkoll baqa' sejjer sa Novgorod fir-Russja. Ippolitu ta' Ruma jikteb li Andrija ppriedka fi Thrace. Hemm ukoll kitba apokrifa, imsejħa *Atti ta' Andrija*, li tgħid li l-Appostlu mar anke Biżanzju u li fil-fatt kien hu li kien il-fundatur tal-Knisja ta' Biżanzju (Kostantinopli), li sal-lum tqimu bħala l-patrun ewlieni tagħha.

Il-martirju hu meqjus mit-Tradizzjoni li seħħ f'Patras, fl-Akaja, fis-sena 60. L-istrument tal-martirju kien il-*crux decussata*, is-salib forma ta' X, billi hu stess talab li s-salib tiegħu ma jkunx bħal dak ta' Ġesù għax ma kienx jistħoqqlu jsofri l-istess martirju tal-Imgħallem. L-aħħar kliem ta' Sant'Andrija quddiem is-salib ġie immortalat fl-antifona li titkanta fil-jum tal-festa tiegħu nhar it-30 ta' Novembru: *Salve Crux pretiosa, suscipe discipulum ejus qui pependit in te, magister meus Christus*. "Is-sliem għalik, Salib prezzjuż. Ilqa' lid-dixxiplu ta' dak li kien imdendel miegħek, Kristu l-imgħallem tiegħi."

## L-Evanġelista San Luqa u t-tradizzjoni tiegħu f'Thiva

Il-belt ta' Thiva (Thebes) tinsab fil-Boeotia fiċ-ċentru tal-Greċja, lejn il-majjistral ta' Ateni u fuq ix-xaqliba tat-tramuntana tal-Golf ta' Korinthos. Bħala abitazzjoni tmur lura għall-epoka ta' Mycenae u tissemma fl-*Iliade* ta' Omeru. Għandha storja twila u glorjuża

fl-era klassika tal-Greċja. Fis-sena 27 q.K. waqgħet taħt il-ħakma tar-Rumani fil-Provinċja ta' Akaja. Fit-Tradizzjoni Kristjana Thiva hi marbuta ħaġa waħda mal-Evanġelista San Luqa, u tħares knisja antika Biżantina tas-seklu 10 fejn hemm meqjuma xi relikwi tiegħu, għalkemm il-parti kbira tar-relikwi, kif naraw, illum huma mħarsin fl-Abbazija ta' Santa Ġustina f'Padova.

San Luqa hu l-awtur tat-tielet Evanġelju u tal-Atti tal-Appostli. It-Tradizzjoni Kristjana turi li twieled fil-belt ta' Antjokja fis-Sirja (illum Antakya fit-Turkija), minn familja Griega. Kien jaf il-Grieg u l-istil tal-kitbiet tiegħu hu raffinat. Il-komunità ta' Antjokja kienet ġiet evanġelizzata minn Barnaba u Pawlu, u Luqa nnifsu fl-Atti tal-Appostli 11,19-25, jiddeskrivi l-bidu ta' din il-komunità Kristjana importanti:

"Dawk li kienu xterdu minħabba l-persekuzzjoni li kienet qamet minħabba Stiefnu waslu sal-Feniċja, sa Ċipru u sa Antjokja, u ma kienu jxandru l-kelma lil ħadd ħlief lil-Lhud biss. Imma xi wħud minnhom kienu minn Ċipru u minn Ċireni, u dawn, meta ġew Antjokja, bdew ikellmu wkoll lill-Griegi u jxandrulhom l-Evanġelju tal-Mulej Ġesù. U id il-Mulej kienet magħhom, u kbir kien l-għadd ta' dawk li emmnu u daru lejn il-Mulej. L-aħbar ta' dan waslet f'widnejn il-Knisja ta' Ġerusalemm, u għalhekk bagħtu lil Barnaba sa Antjokja. Meta dan wasal u ra l-grazzja ta' Alla, feraħ u beda jħeġġiġhom biex jibqgħu b'rieda sħiħa magħqudin fil-Mulej. Għax hu kien raġel tajjeb, mimli bl-Ispirtu s-Santu u bil-fidi. U ġemgħa kbira ta' nies ingħaqdet mal-Mulej. Imbagħad hu telaq lejn Tarsu jfittex lil Sawl, u, meta sabu, ħadu Antjokja. Għaddew sena sħiħa flimkien fil-knisja, u għallmu kotra kbira ta' nies. Kien f'Antjokja li d-dixxipli għall-ewwel darba sejħulhom Kristjani."

It-Tradizzjoni ssemmi lil San Luqa bħala tabib u pittur. Fl-Ittra lill-Kolossin 4,14, Pawlu jikteb: "Isellmilkom Luqa, it-tabib għażiż." Luqa jissemma wkoll fil-lista tad-dixxipli li nsibu fi 2 Timotju 4,11, fejn Pawlu, li kien maqful il-ħabs qabel il-martirju, jikteb: "Luqa waħdu baqa' miegħi." Bħala evanġelista hu magħruf li jippreżenta lil Ġesù bħala dak li dejjem mal-midinbin, man-nisa, mal-foqra u mal-morda, hekk li Dante Alighieri jsejjaħlu *scriba mansuetudinis Christi* (il-kittieb tal-ħlewwa umli ta' Kristu). Il-fatt li hu meqjus bħala pittur hu marbut mad-deskrizzjonijiet ċari li jagħti fil-kitbiet tiegħu, li huma dokumentati b'mod dettaljat, u l-aktar għall-fatt li hu jiddeskrivi fatti marbutin mal-Verġni Marija b'mod hekk ċar li diversi ikoni orjentali tal-Verġni Marija jiġu attribwiti lilu bħala l-awtur tagħhom, b'mod partikulari l-ikona tal-Hodegetria li kien hemm Kostantinopli, imma li llum hi mitlufa. X'aktarx li r-rabta ta' San Luqa mal-pittura, u l-aktar mal-ikoni tal-Verġni Marija, bdiet waqt il-kriżi Ikonoklasta bejn is-snin 726 u 842, meta diversi ikoni Biżantini ġew meqruda u ħafna monaċi li kienu jiktbu l-ikoni ħarbu lejn il-punent.

Epiphanios jikteb li Luqa kien wieħed mit-72 dixxipli ta' Ġesù li jissemmew fl-Evanġelju tiegħu (Lq 10,1). Dan ifisser li, għalkemm kien ġej minn familja pagana ta' Antjokja, Luqa kien sar dixxiplu ta' Ġesù fil-Palestina, u kien għalhekk li hu jagħtina dettalji interessanti dwar it-tfulija ta' Ġesù, u dwar il-bidu tal-Knisja ta' Ġerusalemm.

Il-Ktieb tal-Atti tal-Appostli jsemmi diversi xeni li fihom l-awtur tiegħu, San Luqa, jitkellem fl-ewwel persuna plural. Dan jidher b'mod partikulari waqt il-vjaġġ tal-priġunija ta' Pawlu u għaldaqstant Luqa kien ukoll flimkien miegħu meta għadda t-tliet xhur tax-xitwa tas-sena 60-61 fil-gżira ta' Malta fi triqtu lejn Ruma. Jidher li Luqa baqa' qrib Pawlu f'Ruma, fejn insibuh miegħu l-aktar fl-aħħar

priġunija li wasslet lil Pawlu għall-martirju qrib is-sena 67 taħt l-Imperatur Neruni.

Ma nafu kważi xejn dwar x'ġara minn San Luqa wara l-mewt ta' Pawlu. Jingħad li evanġelizza diversi nħawi, fosthom id-Dalmazja. Imma l-aktar tradizzjoni qawwija tgħid li Luqa evanġelizza l-Akaja u li kien Isqof ta' Thiva (Thebes) fejn sofra l-martirju.

Il-martirju ta' San Luqa seħħ fil-Boeotia fis-sena 93 w.K., meta Luqa kellu 84 sena. Hu l-istoriku Grieg tas-seklu 14, Nikephoros Kallistos Xanthopoulos, li jikteb li l-qabar ta' San Luqa kien jinsab fil-belt ta' Thiva, imma li fis-sena 357 ir-relikwi tiegħu ttieħdu Kostantinopli.

## Ir-relikwi ta' San Luqa

Bħal fil-każ tal-appostli u l-evanġelisti l-oħrajn, anke r-relikwi ta' San Luqa għandhom storja twila u kkumplikata. Wara li minn Thiva dawn ir-relikwi ttieħdu Kostantinopli u tqiegħdu fil-knisja tal-Appostli mqaddsa flimkien mar-relikwi ta' Sant'Andrija, u wara li t-Torok rebħu din il-metropoli u kapitali tal-Imperu Biżantin fl-1453, il-mexxej tas-Serbja Georgios xtara r-relikwi ta' San Luqa mis-sultan Murad II. Dawn ittieħdu fil-Bosnia, imma meta anke l-Bosnia spiċċat taħt it-Torok Ottomani, in-neputija tal-mexxej tas-Serbja biegħet ir-relikwi lir-Repubblika ta' Venezja. Dawn ir-relikwi spiċċaw fl-Abbazija ta' Santa Ġustina f'Padova, fejn għadhom meqjumin sal-lum.



*Relikwa tal-Kranju ta' S. Andrija*

Fl-1992 il-Metropolita Grieg Ortodoss ta' Thiva, Ieronymos, li mbagħad sar l-Arċisqof ta' Ateni, talab lill-Isqof Antonio Mattiazzo ta' Padova biex jirritorna parti sostanzjali tar-relikwi tal-ġisem ta' San Luqa biex dawn jitqiegħdu fil-qabar tal-qaddis f'Thiva. Qabel ma seta' jagħmel hekk l-Isqof ta' Padova ordna li jsir studju xjentifiku fuq ir-relikwi. Fil-fatt hemm relikwi oħrajn tal-qaddis imxerrdin, fosthom il-kranju ta' San Luqa fi Praga. L-istudji kkonfermaw li l-għadam kien il-fdal ta' raġel li kien twieled fis-Sirja u li miet f'data bejn is-snin 72 u 416. L-Isqof ta' Padova mbagħad

irregala lill-Metropolitan Ieronymos kustilja ta' San Luqa li kienet l-aktar viċin qalbu, biex din tinżamm fil-qabar oriġinali tal-qaddis f'Thiva.

B'hekk illum nistgħu ngħidu li hemm tliet postijiet li fihom jinżammu r-relikwi tal-Evanġelista San Luqa: (1) il-ġisem ta' San Luqa fl-Abbazija ta' Santa Ġustina f'Padova; (2) il-kranju fil-Katidral ta' San Vito fi Praga; (3) il-kustilja fil-knisja ta' San Luqa f'Thiva.

## Il-knisja ta' Hagios Lukas f'Thiva

Fix-xaqliba tax-xlokk tal-belt ta' Thiva, fuq għolja li fiha hemm ċimiteru antik, tinsab il-knisja ddikata lill-Knisja tal-Boeotia, l-Evanġelista San Luqa. Il-knisja timmarka l-post li fih San Luqa ġie martirizzat fuq siġra taż-żebbuġ u fejn kellu l-ewwel qabar li fih ġie midfun. Il-knisja tissemma f'dokumenti antiki tas-seklu 11. Fil-post ġew ukoll mikxufin fdalijiet arkeoloġiċi tal-belt u arkata li x'aktarx kienet tagħmel parti minn knisja paleo-Kristjana tal-ewwel sekli. Il-knisja li hemm illum inbniet fl-1863 fuq dawn il-fdalijiet antiki fi żmien il-Metropolita Dossitheos ta' Thiva.

L-arkitettura tal-knisja hi dik ta' binja forma ta' salib Grieg bil-koppla. Fiha diversi affreski reċenti tas-seklu 20. Fin-naħa tal-lemin tal-knisja nsibu l-kappella li fiha ndifen l-Evanġelista San Luqa wara l-martirju tiegħu f'Thiva. Dan il-qabar imur lura għat-2 seklu u kien proprjetà tal-familja Rumana Nedymos-Zosimos. It-Tradizzjoni tgħid li r-relikwi ta' San Luqa ittieħdu minn dan il-post lejn Kostantinopli fis-sena 357 min-neputi ta' Kostantinu l-Kbir, Konstantios, imma meta Kostantinopli ntrebħet mill-Kruċjati fis-sena 1205, dawn ħadu r-relikwi lejn Padova.


*Relikwa tas-Salib ta' S. Andrija f'Patras*

## Konklużjoni

Ir-rabta tal-Evanġelista Luqa u tal-Appostlu Andrija mal-Greċja hi indikazzjoni tat-tixrid tal-Evanġelju fl-Ewropa meta kienu għadhom ħajjin l-appostli. Barra mill-ħidma importanti tal-Appostlu Pawlu fil-Maċedonja u l-Akaja, fil-knejjes ta' Filippi, Tessaloniki, Berea, Ateni, Korintu, insibu wkoll il-bliet ta' Patras u Thiva li jfakkruna fil-ħidma ta' Andrija u Luqa. Jekk nibqgħu fil-Greċja, din id-darba fiż-żona tal-Baħar Eġew, niltaqgħu wkoll mal-preżenza tal-Evanġelista San Ġwann fl-eżilju fuq il-gżira ta' Patmos, fejn irċieva r-rivelazzjoni li wasslitu biex jikteb l-Apokalissi. Il-gżira ta' Ċipru tfakkarna fil-preżenza u l-ħidma tal-Appostlu San Barnaba, sieħeb San Pawl.

Tassew li l-Greċja nistgħu nqisuha bħala parti mill-Art Imqaddsa, minħabba l-ħidma tal-Appostli u t-tixrid tal-Kristjaneżimu kif ukoll tal-moviment eremitiku u monastiku li jikkaratterizza sal-lum il-ġurnata dan ir-reġjun tal-Ortodossija. Fil-fatt hu importanti li nifhmu li l-Art Imqaddsa hu kunċett wiesgħa li jindika mhux biss il-Palestina u s-Santwarji tal-Fidwa li fihom imorru eluf ta' pellegrini, imma l-lvant nofsani kollu u l-Ewropa ta' isfel, li ġew evanġelizzati mill-ewwel seklu. Hekk bil-kunċett Art Imqaddsa nistgħu nitkellmu dwar diversi pajjiżi, fosthom l-Eġittu, Israel, Palestina, Ġordanja, Sirja, Libanu, Iraq, Turkija, Ċipru, Greċja, Malta, u Ruma. Tassew huma l-postijiet li fihom l-Evanġelju wasal sat-trufijiet tal-art kif kien wiegħed Ġesù lill-appostli qabel ma tela' fis-sema.